# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' April, 2021.**

**Numru 7**

**Rikors numru 776/2013/1 JPG**

**Avukat Dottor Tonio Grech fil-kwalita` tieghu bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Odessos Shiprepair Yard SA., registrata l-Bulgarija**

**v.**

**SL Ship Management Co Ltd**

**Il-Qorti:**

1. Din hija decizjoni fuq l-ewwel aggravju li ressaq l-attur appellat dwar l-validita` tal-appell tas-socjeta` konvenuta li, skont l-attur, tressaq "*fuori termine"*

2. Is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili nghatat fil-15 ta' April 2016, filwaqt li s-socjeta` konvenuta ressqet l-appell taghha fis-16 ta' Gunju, 2016, oltre l-20 jum koncess mil-ligi ghall-presentata ta' appell. Gara li, fil-frattemp, is-socjeta` konvenuta fid-29 ta' April, 2016, ressqet rikors quddiem l-Ewwel Qorti fejn talbet *"korrezzjoni fil-kalkoli li saru".* L-ewwel Qorti, b'digriet tas-27 ta' Mejju, 2016, cahdet it-talba tas-socjeta` konvenuta "*ghaliex non si tratta ta' zball ta' kalkolu izda ta' provi mressqa mill-partijiet*". Is-socjeta` konvenuta targumenta li r-rikors li ressqet fid-29 ta' April, 2016, jissospendi t-termini tal-appell sad-data tad-digriet tal-ewwel Qorti.

3. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. L-artikolu rilevanti, l-Artikolu 825(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), jiddisponi li qorti tista', *"f'kull zmien"*, tikkoregi zball ta' kalkolu li jkun sar fis-sentenza, u bl-ebda mod ma jghid li z-zmien ghall-appell ikun sospiz. Anzi l-fatt li din il-korrezzjoni tista ssir f'kull zmien, jaghti x'jifhem li dan ir-rimedju huwa indipendenti mir-rimedju ordinarju ta' appell. Altrimenti jkun jfisser li wiehed jista' jtawwal iz-zmien tal-appell b'mod indefinit billi jressaq rikors taht dan l-artikolu kif u meta jrid.

4. L-Artikolu 825(2), min-naha l-ohra, jissospendi z-zmien tal-appell jekk tigi milqugha talba ghall-korrezzjoni fil-kliem uzat fis-sentenza jew

ghat-tibdil ta' espressjonijiet li ma jkunux cari jew li jistghu jiftiehmu xorta ohra minn dak li kif jidher car riedet tfisser il-Qorti. Pero` ma hemmx sospensjoni jekk tali talba tigi michuda u *multo magis*, ma tipprovdix ghas-sospenzjoni ghall-kaz kontemplat fis-sub-Artikolu(1) ta' dan l-artikolu.

5. Il-fatt li rikors taht l-Artikolu 825(1) tressaq *entro* t-termini tal-appell huwa irrilevanti. Din ic-cirkostanza ma tissospendix it-termini tal-appell, liema appell kellu jitressaq fi zmien 20 jum mid-data tas-sentenza. L-ewwel Qorti, fid-digriet taghha tas-27 ta' Mejju, 2016, uriet, fil-motivazzjoni tad-digriet taghha, li hawn *non si tratta* minn semplici zball ta' kalkolu , izda minn analizi tal-provi. Fil-fatt, is-socjeta` konvenuta, fir-rikors taghha, osservat li kien hemm ammont li "*bi zvista thalla barra mill-kalkolu li ghamlet*" l-ewwel Qorti. Kieku gara hekk, ma kienx ikun sehh zball ta' kalkolu, li ghandu jiftiehem li jirreferi ghal semplici zball matematiku ta' kalkolu li jkun car *ictu oculi* minn qari tas-sentenza innifisha. Ma hux zball li johrog minn analizi tal-provi li jkunu nstemghu.

6. Darba hu hekk, ghandu jitqies irritwali wkoll, kif anke irrikonoxxa l-attur quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2021, l-appell incidentali li ressaq l-istess attur (ara l-kawza fl-ismijiet **Aquilina v. Attard Portughes et** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1998 Kollez. Vol. LXXXII.II.927). Appell incidentali huwa marbut ma' appell principali, u

jekk dan tal-ahhar jitqies li ma sarx, ghax ma giex ipprezentat fil-hin, ma jkun hemm xejn ma' xiex jorbot l-appell incidentali. Kwindi, dan ukoll qed jitqies irritwali u null.

7. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet permessi, jitqiesu bhala invalidi u nulli kemm l-appell principali mressaq mis-socjeta` konvenuta SL Ship Management Co. Ltd. kif ukoll l-appell incidentali mressaq mill-attur Avukat Dottor Tonio Grech *nomine* u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess. L-ispejjez tal-ewwel istanza jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti waqt li dawk marbuta ma' din it-tieni istanza jithallsu kollha mill-imsemmija socjeta` konvenuta appellanti principalment li tat lok ghan-natura ta' din id-decizjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr